Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,561, 26 ta' Jannar, 2021

Taqsima B

A.L. 19 tal-2021

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru responsabbli għall-Kummerċ, bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-Difiża, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 117. 32.

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-kummerċ bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-difiża";

(b) l-ewwel subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) t tiegħu, il-kliem "Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-kummerċ bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-difiża";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għad-difiża";

(iii) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-Forzi Armati ta' Malta"; u

(iv) fl-ewwel proviso tiegħu, il-kliem "Prim

Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-kummerċ bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-difiża";

(ċ) it-tieni subregolament (2) u s-subregolamenti (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4) u (5) rispettivament;

(d) fis-subregolament (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid il-kliem "Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-kummerċ bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-difiża"; u

(e) fis-subregolament (4) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "Il-Ministru" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-kummerċ bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-difiża".